**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' Nhar L-Erbgha 30 ta' Novembru 2016**

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Numru : 848/2016/JPG**

**NIU Limited (C-49434)**

**VS**

**John Wilson Independent Studios Limited (C-59122)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' NIU Limited (C-49434), hekk datat 26 ta' Settembru 2016, kif debitament rappresentata minn James Abela, karta ta' l-identita' nru: 468687(M) u Matthew Sammut, karta ta' l-identita' nru: 276887(M), it-tnejn diretturi tal-istess NIU Limited:

*Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu l-istess NIU Limited (C-49434), kif debitament rappresentata minn James Abela, karta ta' l-identita' nru: 468687(M), jiddikjara illi huwa jaf bis-segwenti fatti personalment, u li safejn jaf hu, is-socjeta' intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba hawnhekk maghmula;*

(1) *Illi s-socjeta' intimata John Wilson Independent Studios Limited inkarigat lis-socjeta rikorrenti NIU Limited tesegwixxi diversi xogholijiet relatati ta' "web-design and development, web-site" u xogholijiet u servizzi ohra ancillari.*

*(2) Illi s-socjeta' rikorrenti ghamlet ix-xoghol kollu minnha rikjest da parti tas-socjeta' intimata u di fatti, kif kien miftiehem, harget regolarment l-invoices relattivi (6 invoices hawn esebiti u mmarkati DOK 1 sa 6).*

*(3) Illi komplessivament hemm pendent s-somma ta' tletin elf u seba' u sittin Euro u disa' u tmenin centezmu (€30,067.89), kif jirrizulta mill-istess invoices, imma ukoll minn ftehim bejn il-partijiet tat-12 ta' Awissu 2016.*

*(4) Illi peress illi bil-ftehim tat-12 ta' Awissu 2016 (DOK 7), is-socjeta' intimata weghdet li thallas l-ammont minnha dovut f'rati maqsuma kif hemmekk premess, u anke rrilaxxjat ic-cekkijiet apposite (DOK 8) ukoll bhala rikonoxximent tal-hlas.*

*(5) Illi peress illi c-cekkijiet ma ssarfux u kwindi l-hlas dovut baqa' ma sarx.*

*(6) Illi peress illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-Artikolu 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili , inkluz illi l-intimata m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghal din l-istess talba;*

*Ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:*

1. *Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba ta' l-istanti, bid-dispensa ghas-smiegh tal-kawza ai termini ta' l-Artikli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili;*

2. *Tiddikjara illi s-socjeta' intimata ghandha thallas lil dik rikorrenti s-somma ta' tletin elf u seba' u sittin Ewro u disa' u tmenin centezmu (€30,067.89),*

3. *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf u seba' u sittin Ewro u disa' u tmenin centezmu (€30,067.89), kif fuq indikat u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati.*

*Bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjes kollha, inkluz il-Mandat kawtelatorju ta' Sekwestru ppresentat kontestwalment, kontra s-socjeta' intimata, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotorju;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata;

Rat in-nota ta' ammissjoni prezentata *seduta stante* mis-socjeta ntimata fir-rigward tal-*invoices* numru 1942, 2077 u 2244, fl-ammont totali ta' €4,336.89;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Matthew Sammut** xehed a fol 18 – 22 u kkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata maghmula minnu li tinsab ezebita a fol 12 u cioe illi s-socjeta ntimata kienet inkarigat lis-socjeta rikorrenti sabiex tesegwixxi diversi xogholijiet relatati ma' *web-design and development, web-site* u servizzi ancillari ohra, liema servizzi kienu filfatt gew prestati mis-socjeta rikorrenti, li kienet regolarment tohrog *invoices* relattivi ghal kull parti mill-progett li kienet giet finalizzata. Zied illi l-partijiet kienu lahqu ftehim fit-12 ta' Awissu 2016 rigward il-pagament, u dan anke in vista tal-fatt li l-pagament li kien sar b'cekk tat-30 ta' Gunju 2016 ma setghax jissarraf. Ghalhekk is-socjeta ntimata kienet anke rrilaxxajt cekkijiet appositi wkoll bhala rikonoxximent tal-hlas, izda rrizulta illi dawn ic-cekkijiet ukoll ma setghux jissarfu.

**Ikkonferma illi s-somma ta' €30,067.89, oltre l-imghax legali, ghada pendenti, u s-socjeta ntimata ghada ma hallset xejn minn din is-somma, lanqas fir-rigward tal-invoices li ghalihom giet prezentata nota ta' ammissjoni.**

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi s-socjeta' intimata ma kellhix eccezzjonijiet x'taghti ghal din it-talba.

Fic-cirkostanzi ghalhekk t-talba kif dedotta fir-rikors promotorju tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza skond il-procedura tal-Artikolu 167 et. sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Proceduri Civili, tiddikjara illi s-socjeta ntimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tletin elf u sebgha u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€30,067.89), u konsegwentement tikkundanna lill-istess socjeta ntimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' tletin elf u sebgha u sittin ewro u disgha u tmenin centezmu (€30,067.89), bl-imghax legali dekoribbli mill-4 ta' Ottubru 2016 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta ntimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**